VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,934, 12 ta' Jannar, 2018
Taqsima B

A.L. 10 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce – B. Com. – u Bachelor of Commerce (Honours) – B. Com. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce - B. Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B. Com. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 25 tal-2006, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru, 2017 'il quddiem.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"9. (1) L-Ewwel Parti tinfirex fuq l-ewwel tliet snin tal-Kors u għandha tkun komuni kemm għall-kors li jwassal għall-Bachelor of Commerce u kemm għall-kors li jwassal għall-Bachelor of Commerce (Honours).

(2) L-Ewwel Parti għandha tikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 krettu:

L-Ewwel Sena:	60 krettu li huma komuni għall-istudenti kollha;
It-Tiena Sena:	60 krettu li minnhom għall-anqas 28 krettu huma assenjati lil kull waħda miż-żewġ oqsma ta' speċjalizzazzjoni magħżula; u
It-Tielet Sena:	60 krettu li minnhom 30 krettu huma assenjati lil kull waħda miż-żewġ oqsma ta' speċjalizzazzjoni magħżula."